QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum l-Erbgha, 11 ta' Lulju 2001

Numru 4

Citaz. Nru. 157/93 FDP

Francis Paul Ebejer ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Fogg Limited u din in rapprezentanza tad-ditta estera ALS Motor Policies at Lloyds u dawn kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Alfred Aquilina, ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta London Services Limited;
U b'digriet ta' l-20 ta' April 1993 wara l-kliem "ditta estera" jizdiedu l-kliem "R.W. Sturge and Company ezercenti n-negozju taht l-isem";
U b'digriet ta' l-20 ta' Mejju 1993 il-kliem "RW Sturge and` Co" gew sostitwiti bil-kliem "Sturge Motor & Personal Risks Ltd."

Vs

Joseph Borg

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li giet ipprezentata fid-9 ta' Frar 1993 fejn gie premess:-

Illi fil-25 ta' Dicembru 1991, fi Triq ix-Xatt, il-Gzira, waqt li l-vettura numru A-2059, propjeta` tal-kumpanija London Services Limited, kienet qed tigi misjuqa minn Raymond Borg, din sfat involuta f'kollizjoni mal-vettura numru RCW51X misjuqa mill-konvenut;

Illi l-incident gara minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Illi minhabba l-incident l-attur baghta danni billi kellu jaghmel tajjeb ghall-hsara li baghta l-assikurat tieghu Alfred Aquilina ghan-nom u fl-interess tal-kumpanija "London Services Limited" fl-imsemmija karozza numru A-2059 u dana minhabba polza ta' assikurazzjoni ta' tip "*comprehensive*";

Illi l-attur *nomine* jinsab surrogat fid-drittijiet ta' l-assikurat tieghu;

Illi l-konvenut, interpellat jasal ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni, naqas li jaghmel hekk;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' April 1992 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-23 ta' Frar 1993 fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici stante li ma hemm ebda socjeta` estera li ggib l-isem "Service Motor Policies – Lloyds" u din l-allegata socjeta` tista' tkun consortium ta' assikurazzjoni u mhux socjeta` assikurattrici estera. Ghalhekk it-talbiet attrici kif u minn min proposti ma jistghux jigu akkolti;

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi l-esponenti mhux responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni li grat tort unikament tas-sewwieq li kien qed isuq il-

vettura l-ohra u ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikata;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur ta' l-atturi *nomine*;

Rat li ghalkemm il-konvenut inghata zmien sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet dan baqa' inadempjenti;

Ikkonsidrat:-

ECCEZZJONI PRELIMINARI

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, jirrizulta li din giet irtirata mill-istess konvenut kif jidher mill-verbal tal-Qorti a fol 84 tal-process, u dan minhabba l-emendi fil-ligi li permezz taghhom l-organizzazzjoni Lloyds ta' l-Ingilterra giet rikonoxxuta bhala entita` giuridika f'Malta;

MERTU

Illi din il-kawza tirrigwarda incident stradali li sehh fil-25 ta' Dicembru 1991 fi Triq ix-Xatt, il-Gzira bejn il-vettura Ford A-2059 propjeta` tas-socjeta` London Services Limited misjuqa minn Raymond Borg u l-vettura Mitsubishi RCW51X misjuqa mill-konvenut Joseph Borg. Wara li l-attur *nomine* ghamel tajjeb ghad-danni subiti mill-assikurat tieghu is-socjeta` London Services Limited minhabba polza ta' assikurazzjoni tip *comprehensive*, gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assikurat taghha u ghalhekk intavola din il-kawza kontra l-konvenut;

<u>Il-verzjoni tas-sewwieq Raymond Borg</u>:-

Illi s-sewwieq <u>Raymond Borg</u> fix-xhieda tieghu tat-2 ta' Mejju 1994 qal li huwa jaqbel ma l-isketch in kwistjoni (fol 35 tal-process). Huwa spjega li dak in-nhar ta' l-incident kienet ix-xita u huwa kien gej minn tas-Sliema sejjer lejn Ta' Xbiex; kien sejjer fid-dritt u kien mas-*centre strip*. Qal li l-konvenut "*... from the left hand side ghamel U-turn biex imur on the other side. U sibtu ma' wicci."* Qal li l-konvenut ma kienx quddiemu imma kien jew ipparkjat jew gej minn warajh, imbaghad dar quddiemu. Kontro-ezaminat xehed li l-konvenut zgur ma kienx qed isuq fuq il-lemin ghax fuq il-lemin kien hemm hu stess.

Qal li ma rahx gej mieghu. "*Jien kull ma rajt il-karozza ghamlet U-turn u sibtha ma' wicci."* Kien f'dak il-mument biss li huwa rah. Dwar *speed*,

huwa xehed li kien ghaddej bil-25, imbaghad xehed li kien ghaddej bil-28. Dwar danni qal li l-karozza misjuqa minnu garrbet hsarat fuq quddiem, in-naha tax-xellug, filwaqt li l-karozza l-ohra garrbet hsarat fuq in-naha tal-lemin, mal-bicca ta' wara, bejn il-fanali u r-rota;

Il-verzjoni tal-konvenut Joseph Borg:-

Illi l-konvenut Joseph Borg fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Novembru 1999 xehed li dak in-nhar ta' l-incident kienet niezla x-xita. Qal li ghalkemm kien ghadu ma dalamx kellu s-*side lamps* mixghulin.

Xehed li huwa kien ghaddej mal-*lane* ta' barra, jigifieri mas-*centre strip*. Kellu l-indicator tal-lemin mixghul peress li kien intenzjonat jikser fuq il-lemin u jdur lura ghax-xatt. Xehed li wara l-habta meta s-sewwieqa hargu mill-vetturi, is-sewwieq l-iehor qallu li kien skiddja. Il-konvenut jinsisti li huwa kien qed isuq fuq l-*outer lane* u mhux in-naha tal-bahar u qal li bejn il-vettura tieghu u s-*centre strip* ma kienx hemm spazju bizzejjed biex tghaddi karozza ohra. Dwar speed, huwa xehed li peress li kien qed idur kien bil-kemm jiccaqlaq. Rigward hsarat, huwa qal li kellu hsara fil-*mudguard* ta' wara qrib ir-rota u l-bieba ta' wara u s-sewwieq l-iehor kellu hsara fuq in-naha ta' quddiem, ghalkemm ma jiftakarx liema naha;

Illi mart il-konvenut, Sandra Borg, fix-xhieda taghha tat-12 ta' Mejju 1999 qalet li hija kienet riekba bhala passiggiera hdejn il-konvenut dak

in-nhar li sehh l-incident. Hija tikkonferma dak li qal zewgha u cioe` li kienu qeghdin fuq il-*lane* ta' barra mhux fuq il-*lane* tan-naha tal-bahar. Hija qalet li zewgha kellu l-*indicator* mixghul. Zewgha kien qed jistenna l-karozzi ghaddejjin sabiex idur lejn il-Gzira mas-*centre strip*. *"Niftakar li meta grat il-habta, il-karozza taghna kienet gia bdiet iddur u kienet wieqfa waqt li konna qed nistennew it-traffiku niezel minn tas-Sliema."* Hija xehdet li tiftakar li malli hareg mill-vettura tieghu, Raymond Borg qal li skiddja;

Ix-xhieda tas-surgent:-

Illi s-surgent PS 1400 Anthony Farrugia li kien mar fuq il-post wara l-incident, fix-xhieda tieghu tal-21 ta' Ottubru 1993 xehed li l-konvenut kien qallu li kien qed idur bl-*indicator* mixghul fuq il-lemin, u meta dar nofsu kif jidher fl-iskizz, l-iehor lahqu u dahal go fih. L-okkorrenza turi li *"driver of c/no RCW51X stated that he was driving along Triq ix-Xatt, Gzira, and was turning to the right side with the indicator on to the right and the other car no A-2059 dashed into his car."* Dwar dak li qallu Raymond Borg wara l-habta is-surgent xehed li kien qallu li kienu ghaddejjin flimkien u l-iehor dar quddiemu minghajr *indicator*. L-okkorrenza turi li Raymond Borg qallu illi kien *"driving along Triq ix-Xatt Gzira, and c/no RCW51X turned from his left side to the right side blocking his way ..."*. Fir-rigward tad-danni, l-okkorrenza turi li l-vettura tal-konvenut kellha danni *"on*

*its right rear door and mudguard"* filwaqt li l-ohra kellha danni *"on its front left part";*

KUNSIDERAZZJONIJIET

Illi hemm diversi diskrepanzi fil-verzjonijiet tas-sewwieqa. Kemm Raymond Borg kif ukoll il-konvenut jghidu li kienu ghaddejjin man-naha tas-*centre strip*. Il-konvenut u martu xehdu li l-istess konvenut kellu l-*indicator* mixghul filwaqt li Raymond Borg xehed li ma rax *indicator*. Il-konvenut u martu xehdu li l-istess konvenut kien qed jistenna sabiex idur filwaqt li Raymond Borg jghid li kienet il-vettura misjuqa mill-konvenut li dahlet fih mix-xellug;

Illi l-Qorti ezaminat l-iskizz u osservat li l-vettura tal-konvenut hija angolata sew, b'mod li tidher aktar orizzontali mal-wisgha ta' Triq ix-Xatt milli vertikali mat-tul ta' Triq ix-Xatt. Dan juri li l-konvenut kien diga` beda' il-manuvra tieghu biex idur mas-*centre strip* meta saret il-habta. Ghalkemm il-vettura tal-konvenut ma tidhirx sewwa sew mas-*centre strip*, il-Qorti tifhem li biex wiehed jaghmel U-turn f'post bhal dak irid jinqala' ftit 'il barra minn mas-*centre strip* sabiex ikun jista' jdur f'dawra wahda lejn id-direzzjoni opposta. B'danakollu ma jfissirx li l-konvenut kien fuq il-*lane* l-iehor. Huwa fil-fatt xehed li bejn il-vettura tieghu u s-*centre strip* ma kienx hemm spazju bizzejjed sabiex tghaddi karozza ohra. Il-Qorti osservat ukoll il-posizzjoni tal-hsarat fuq il-vetturi. Dawk fuq il-vettura tal-konvenut huma fuq in-naha ta' wara u mhux fuq quddiem. Li kieku il-konvenut

effettivament qata' t-triq ta' Raymond Borg, kif dan ta' l-ahhar qed jallega, kieku aktarx li l-hsara fuq il-vettura tal-konvenut kienet tkun fuq quddiem u mhux fuq wara. Il-Qorti ghalhekk thoss li hija aktar attendibbli l-verzjoni tal-konvenut (li hija fil-fatt sostanzjata b'dik ta' martu) li kien propju waqt li huwa kien qed idur, li l-attur dahal fih. Aktarx li meta l-konvenut kien ftit maqlugh 'il barra minn mas-*centre strip* biex idur maghha, Raymond Borg li kien gej min-naha ta' tas-Sliema ma ndunax li dan kien qed idur (fil-fatt jghid li ma ra ebda *indicator*) u ttanta jghaddi bejn il-vettura tal-konvenut u s-*centre strip*. Aktarx ukoll li minhabba li l-art kienet imxarrba meta huwa nduna bil-konvenut u pprova jibbrejkja, skiddja xi ftit. Fil-fatt kemm il-konvenut kif ukoll martu xehdu li kif hareg mill-vettura l-istess Raymond Borg qalilhom li skidja. Dwar *speed*, il-Qorti thoss li 28 mfs hu wisq f'zona bhal dik in kwistjoni, u cioe` qabel il-pont ta' Manoel Island. Kulhadd jaf li dik il-parti ta' Triq ix-Xatt hija traffikuza hafna u mimlija attivita` u ghalhekk jinkombi fuq is-sewwieqa tal-vetturi li juzaw il-massimu tal-prudenza u attenzjoni fis-sewqan taghhom, l-aktar meta l-art tkun imxarrba;

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li ghall-incident in kwistjoni jahti unikament is-sewwieq Raymond Borg.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tichad it-talbiet ta' l-attur *nomine*.

L-ispejjez jithallsu mill-istess attur *nomine*.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur